# dal-ġranet twal mingħajrek ... philip

DOREEN MICALLEF-CHRITIEN

hemm stilla żgħira mċajpra
u biċċa qamar isfar

il-karozza wara l-bieb
fejn int moħbi fis-silenzju

għaddew id-disa' snin
u l-kurċifiss baqa' stirat fuq il-ħajt
bla tweġiba

il-lejla ndomm kullana
kull stallett li qlajt ġo qalbi

il-lejla qamar ġdid
u suppost id-demm jieqaf iqattar

nimxi miegħek fuq it-trab u fuq il-ġebel
flimkien ma' l-oħrajn morna bħal mogħoż
għal kongregazzjoni

fl-estasi taċ-ċwieċ
tlajt immiss is-sema
għax kelli lilek fuq il-lemin

*(I'll be coming home*
*wait for me ...)*

int
il-ħalliel kwiet tisraq bil-mod il-ġawhar żverġnati
li noqgħod indomm jien
taħt is-siġar taż-żebbuġ

għaddew id-disa' snin
u l-lejla jitla' l-qamar

l-ewwel qamar ġdid u l-ewwel minutieri
l-ewwel ċelloli differenti kometi ġodda
f'dal-baħħ jistenna l-bidu
f'dax-xejn jistenna t-tmiem
f'dal-vojt jistenna lilek.